MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 191/2007

**Josies Bathroom Centre Limited**

**vs**

**MCCS Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u hmistax –il Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM2,615.55,0), oltre l-imghax legali mit-2 ta' Marzu tas-sena 2007 ghal bathroom accessories lilhom mibjugha u kkonsenjati f'dawn l-ahhar snin u dan skond statement of account tat-12 ta' Gunju tas-sena 2007;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 13 ta' Gunju tas-sena 2007 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-31 ta' Ottubru tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------